30 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Simeone Spiteri *versus* Gerardo Sciberras**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ripreża ta' Pussess — "Self Inflicted Hardship".**

*Għalkemm is-"self-inflicted hardship" waħdu mhux raġuni biex, bħala regola u bħala prinċipju tiġi riġettata d-domanda tas-sid biex jieħu taħt idejh fond mikri għand ħadd ieħor biex imur joqgħod fih huwa, jista' però jidħol bħala wieħed mill-kriterji għall-miżurazzjoni tal-"hardship" rispettiv tal-kontendenti.*

*Fil-każ dan il-prinċipju ġie applikat favur l-inkwilin għax il-lokatur kien ipprovoka huwa stess sentenza ta' żgumbrament kontra tiegħu biex ikun jista' jakkampaha bħala motiv biex jieħu taħt idejh il-fond mikri għand dak l-inkwilin.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Simeone Spiteri quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talab biex jieħu taħt idejh id-dar "Indiana House", Strada San Porfirio, Żejtun, mikrija lill-intimat Gerardo Sciberras, għax iridha biex imur joqgħod fiha hu peress li jinsab żgumbrat mill-post fejn joqgħod il-lum b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-22 ta' Frar 1947 fil-kawża "Giuseppe Camilleri vs. Simeone Spiteri";

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Board fl-1 ta' April 1947, li biha ġiet miċħuda t-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; wara li kkunsidra;

Li bir-rikors preċedenti msemmi fuq, ir-rikorrent kien talab li jieħu pussess tal-fond in kwistjoni minn għand l-intimat u offra lil dan bħala "alternative accommodation" fond Birżebbuġa li huwa kien kera;

B'sentenza tad-29 ta' Lulju 1946 dan il-Board ċaħad it-talba għax deherlu li r-rikorrent kien għażel huwa stess li jmur joqgħod ma' missier il-mara, l-imsemmi Giuseppe Camilleri, u barra minn dana kellu f'idejh post ieħor Birżebbuġa fejn seta' jmur joqgħod, u għax deherlu li taħt dawk iċ-ċirkustanzi l-

"hardship" ta' l-intimat kien ikun akbar kieku kellha tiġi milqugħa t-talba;

Illi r-rikorrent minn dik id-deċiżjoni interpona appell, imma ċedieh fir-Reġistru fit-2 ta' Awissu 1946;

Illi, evidentement għax ir-rikorrent ħalla l-post ta' Birżebbuġa *vojt*, *anki wara li ġiet miċħuda t-talba tiegħu*, *jew* inkella b'inizjattiva tiegħu stess, dan il-post kien ġie rekwiżizzjonat mill-Housing Commissioner, u Giuseppe Camilleri, missier il-mara tar-rikorrent, għamel kawża lil dan quddiem it-Tribunal Ordinarju u ottjena sentenza ta' żgumbrament peress li r-raġel tat-tifla ma kienx qiegħed iħallas kera;

Illi wara li r-rikorrent, "għax ried hu", tilef il-post li kien kien kera Birżebbuġa fejn seta' jmur jgħix ma' martu, d'intiża ma' missier *il-mara* ipproġettaw *il-kawża quddiem it-tribunal ordinarju*, li *ma setax* ikollha *eżitu* differenti milli kellha; u l-lum, fortifikat, kif jidhirlu hu, minn sentenza li kkundannatu jiżgombra minn fejn hu, għamel din it-talba;

Li l-manuvra tar-rikorrent biex jottjeni dak li lilu kien ġie miċħud b'sentenza preċedenti tal-Board hija manifesta. Infatti, barra miċ-ċirkustanzi li ħadd ma jista' ma jaraħomx, hemm id-dikjarazzjoni li *għamel Giuseppe Camilleri* fil-parti finali tad-depożizzjoni tiegħu fis-sens li "l-kawża biex jiżgombra minn daru t-tifla għamilha biex ir-rikorrent ikun jista' jottjeni d-dar ta' l-intimat";

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi kien ikun inikwu kieku r-rikorrent, bil-pożizzjoni li poġġa ruħu fiha huwa stess, seta' jispossessa lill-kerrej tiegħu li l-lum anqas għandu "suitable accommodation" li hija "available", u kien ikun ukoll *derogatorju* għal-awtorità tal-Board kieku persuna bil-maneġġi tagħha tista' ġġagħlu jagħti dak li meta ċ-ċirkustanzi kienu aħjar, tant għaliha kemm għall-kerrej tagħha, huwa deherlu li għandu jiċħad;

Li dan huwa *każ fejn* il-"hardship" tar-rikorrent huwa "self-inflicted", u jekk, bħal ma rriteniet il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà *Tiegħu* r-Re *fir-rikors nru. 1365/1945 fl-ismijiet* "Salvatore Cutajar vs. Antonio Sammut", deċiż fid-19 ta' No-

vembru 1945, din il-kondizzjoni ta' "self-inflicted hardship" ma tistax tittieħed bħala prinċipju ġenerali, tista' iżda tidħol bħala wieħed mill-kriterji għall-miżurazzjoni tal-"hardship"—kliem dawn ta' l-istess sentenza;

Li f'dan il-każ il-kriterju tas-"self-inflicted hardship" huwa talment importanti li jagħleb kwalunkwe kriterju ieħor, u għalhekk iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kompriża dik li għall-intimat ma hemmx "available suitable accommodation", iwasslu għall-konklużjoni li l-"hardship" ta' l-intimat kien ikun akbar kieku kellha tiġi milqugħa t-talba milli jkun għar-rikorrent jekk tiġi miċħuda;

Rat ir-rikors quddiem dil-Qorti, ta' l-imsemmi Simeone Spiteri, li talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata, li din il-Qorti tagħmel tagħha, il-konklużjonijiet li għalihom wasal il-Board għandhom jiġu adottati. Hemm lok ukoll li jiġi rilevat li mix-xhieda mogħtija fl-aħħar seduta mill-Ispettur Sanitarju Joseph Cordina Deidun, il-manuvra bejn l-appellant u ħatnu Giuseppe Camilleri, imsemmija fis-sentenza tal-Board, tirriżulta iżjed pależi;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fl-1 ta' April 1947; bl-ispejjeż kontra l-appellant.